**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Melvin Montesin**

Illum 28 ta' Settembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Melvin Montesin ta' 23 sena, bin Emanuel Montesin u Gaetana Montesin xebba Magri mwieled Pieta' nhar l-14 ta' Jannar 1990, residenti Binja Hesri, Ent E, flat 5, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita' numru 62690M talli:

1) Bejn il-21 u s-26 t'April 2010 minn gewwa ghalqa li tinsab fl-akwati maghrufa bhala tal-ghasfur limiti tas-Siggiewi, kkommetta serq ta' 'amplifier' u erba' 'speakers' liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur liema valur huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) ghad-detriment ta' Patrick Delia.

2) U aktar talli matul l-istess perjodu ta' zmien u fi zmien ta' wara xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex bieghhom jew mexxihom.

3) U aktar talli sar recediv ai termini tal-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2015 l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni fis-seduta tallum.

Rat il-pre-sentencing report.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li mhix wahda, ic-cirkostanzi tal-kaz u kif ukoll il-fatt li rrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation li l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u li huwa heles minn da nil-vizzju billi ghamel programm ta' rijabilitazzjoni residenzjali. L-imputat ghandu impjieg u llum il-gurnata qieghed izomm il-boghod mill-kriminalita'. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-imputat jehtieglu li jibqa' jigi segwit u li certament sentenza ta' prigunerija effettiva mhix idonea.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-arikoli 20, 261(b)(c), 263, 264, 267, 278(1)(2), 279(a) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Tordna notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur ta′ l-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat